**QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMHALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel.,**
**Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 16 ta' Dicembru, 2015

Rikors Nru : 312/13 AL

**A B C**
**K.I. 0029787A u b'digriet tas-7 ta' Mejju 2015 A B C giet appuntata bhala kuratrici ad litem tal-minuri K L C.**

**-vs-**

**L P C, N C u id-Direttur tar-Registru Pubbliku**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors tar-rikorrenti li permezz tieghu ippremetta :

Illi fl-1 ta' Mejju 2006 twieled it-tifel taghha K C (Dok. A).

Illi fl-istess dok. A. gie dikjarat li missier ta' dan it-tifel K huwa N C (ID 0303656M). Illi fiz-zmien kollu tal-gestazzjoni tal-imsemmi tifel, l-attrici qatt ma kellha u anqas seta` kellha relazzjonijiet mar-ragel taghha billi kienet tghix mal-konvenut L C.

Illi bhala fatt il-konvenut L P C huwa l-missier naturali tat-tifel taghha K.

Illi dan kif ser jjigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

Talbet li l-konvenut jghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

1. Tiddikjara li L P C huwa ‘l missier naturali ta’ K u dan ghar-ragunijiet fuq imfissrin.
2. U li din il-Qorti tordna l-korrezzjoni tac-certifikat Dok. A u kull fejn necessarju biex isir l-annotazzjoni relattivi fl-att ta’ twelid tal-imsemmi tifel billi, okkorrendo jigu modikati u korretti konformement ghad-dispozittiv ta’ dina s-sentenza kull fejn jirrizulta li N C huwa missier l-istess tifel u jissostitwixxi l-kliem kancellati bid-dikjarazzjoni li L P C huwa missier K C.

Bl-ispejjez kontra l-istess intimati li huwa minn issa ngunt ghas-subizzjoni;

Rat il-lista tax-xhieda tal-attrici;

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku li biha eccepixxa :

1. Illi preliminarjament jidher li din l-azzjoni odjerna giet intavolata erronjament fil-Prim’ Awla tal-Qorti Civili. Il-kawza li jirrigwardaw it-tieni titolu tal-ewwel ktieb tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta’ Malta u cioe` il-Filjazzjoni, irridu jigu intavolati fil-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) ai termini tar-Regola 4 tal-Avviz Legali 396 tal-2003 (Legislazzjoni Sussidjara 12.19 tal-Ligijiet ta’ Malta, Ordni dwar it-twaqqif ta’ Sezzjonijiet tal-Qrati Civili). Ghalhekk isegwi, li l-Qorti kompetenti f’dan il-kaz hija il-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja). Ghaldaqstant, in vista tas-suespost ir-rikorrenti ghandha tintavola r-rikors taghha f’tali Qorti kompetenti hekk kif titlob il-ligi;

2. Illi in vena preliminari, ghall-finijiet ta’ kjarezza u kompletezza tal-gudizzju, l-isem tar-rikorrenti gie mnizzel kemm fl-okkju kif ukoll fir-rikors guramentat bhala A. Mill-atti tar-Registru Pubbliku annessi mal-isess rikors jirrizulta li isem ir-rikorrenti hu rregistrat bhala Viole<u>t</u>a **Svetlozarova** B. Ghaldaqstant ghandha ssir il-korrezzjoni debita kif interposta hawn fuq, fl-atti tar-rikors odjern;

3. Illi preliminarjament huwa indispensabbli ghall-integrita` tal-gudizzju li jigi msejjah fil-kawza l-minuri K C u li ghandu jkun debitament rapprezentat minn kuratur jew tutur mahtur mill-Qorti, skont id-disposizzjonijiet tal-Artikoli 782 u 783 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta’ Malta;

4. Illi preliminarjament ukoll l-esponent jirrileva, li din l-azzjoni hi intempestiva, stante l-fatt li ladarba skorrew iktar minn sitt xhur mit-twelid tal-minuri K C, din l-azzjoni kellha tkun preceduta minn rikors quddiem il-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) ai termini tal-Artikolu 77C tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta, sabiex, wara li din l-Qorti tkun semghet il-partijiet interessati kollha u qieset id-drittijiet tar-rikorrenti u tal-minuri K C, tinkiseb l-awtorizazzjoni mill-istess Qorti ghal procediment tal-azzjoni odjerna.

5. Illi qed jigi rilevat li fuq il-mertu b'mod partikolari dwar il-paternita` tal-minuri K C, l-esponent naturalment m'huwiex edott mill-fatti li gew iddikjarati fir-rikors guramentat u ghalhekk huwa jirrimetti ruhu ghar-rizultanzi processwali u kif wkoll ghas-savju gudizzju ta' din il-Qorti;

6. Illi bla hsara ghal premess, biex tirnexxi din l-azzjoni r-rikorrenti trid tipprova li fiz-zmien bejn it-tliet mitt gurnata u l-mija u tmenin gurnata qabel it-twelid tat-tifel K C, hija kellha relazzjoni extramaritali mal-intimat L P C, u barra minn hekk tipprova xi fatt iehor li jista wkoll ikunu testijiet u provi genetici li jeskludu lir-ragel tar-rikorrenti L P C bhala l-missier naturali tal-imsemmi K C, u dan ai termini tal-Artikolu 77B tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

7. Illi fl-istess waqt ir-rikorrenti trid ukoll teghleb il-prezunzjoni legali mahluqa bis-sahha tal-Artikolu 81 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta billi adegwatament u konvincentement turi li l-pussess ta' stat tal-minuri K C ma jaqbilx mal-att tat-twelid tieghu bin-numru ta' iskrizzjoni 1448 tas-sena 2006;

8. Illi bla hsara ghas-suespost f'kaz li tintlaqa` l-ewwel talba tar-rikorrent, l-esponent jinvita lill-intimat L P C sabiex permezz ta' nota jispecifika d-dettalji personali kollha tieghu, senjatament (1) id-dokument tal-identita`, (2) l-eta` tieghu meta twieled il-minuri K C, (3) il-post tat-twelid tieghu, (4) il-post ta' residenza tieghu meta twieled l-imsemmi minuri, (5)isem u kunjom ta' missieru u (6) jekk l-imsemmi missier patern kienx ghadu haj meta twieled it-tifel K C. Tali informazzjonii hija mehtiega biex tigi eventwalment inserita fl-Atti tat-Twelid tal-fuq riferit K C bin-numru ta' registrazzjoni progressiv 1448 tas-sena 2006;

9. Illi bla hsara ghal premess, f'kaz li din l-Qorti tilqa` t-talba tar-rikorrenti huwa important li l-kelmiet 'the said' li jinsabu qabel isem "Violeta Svetlozarova B C", senjatament taht il-kolonna u fir-ringiela fejn hemm indikati taghrif dwar l-omm ghandhom ukoll jigu kkancellati mill-Att tat-twelid bin-numru ta' registrazzjoni 1448 tas-sena 2006.

10. Illi finalment dejjem minghajr hsara ghal fuq espost, l-esponent jissottometti li fi kwalunkwe kaz l-azzjoni tar-rikorrent mhijiex attribwibbli ghal xi ghemil jew nuqqas ta' agir tal-esponent u kwindi huwa m'ghandux jigi assoggettat ghall-ispejjez tal-kawza istanti;

11. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti li qeghdin jigu ngunti in subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda tal-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku;

Rat in-nota tal-konvenut L P C tal-5 ta' Dicembru 2013 li biha huwa qed jammetti t-talbiet kontenuti fir-rikors billi l-minuri huwa tassew il-wild naturali tieghu u jikkonferma dak kontenut fl-istess rikors;

Semghet lix-xhieda li gew prodotti;

Rat id-dokumenti li gew esebiti, il-provi prodotti u l-atti ta' dan il-procediment;

Rat illi l-kawza thalliet ghas-sentenza ghallum;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti ghandha quddiemha talba relatata mal-paternita' tal-minuri K C li twieled fl-1 ta' Mejju 2006 minn relazzjoni extra-maritali bejn l-attrici B C u l-konvenut L P C. Min-naha tieghu, L P C intavola ammissjoni ghat-talbiet attrici[1]. Illi minhabba l-prezunzjonijiet legali naxxenti mill-ligi, l-istess minuri gie mnizzel bhala l-wild naturali ta' l-intimat N C, izda l-istess minuri mhux ibnu naturali. Ghalhekk l-attrici permezz ta' din il-kawza qeghda titlob lil Qorti sabiex tiddikajra li N C m'huwiex il-missier naturali ta' l-istess minuri u sabiex sussegwentement isiru l-korrezzjonijiet necessarji fic-certifikat tal-minuri billi l-konnotati tieghu jigu ikkancellati minn fuq ic-certifikat tal-minuri u jigu sostitwiti bil-konnotati relattivi tal-konvenut l-iehor L P C.

[1] Ara fol 30 tal-process

**Il-mertu tal-kaz**

Il-mertu tal-kaz odjern idur fuq il-fatt jekk l-attrici irnexxielix tipprova sal-grad rikjest mill-ligi illi il-wild K C hu il-wild naturali tal-konvenut L P C, u konsegwentement allura li ma huwiex il-wild naturali ta' N C. L-attrici kellha wkoll permezz tal-provi li gabet teghleb il-presunzjonijiet legali fil-ligi, li ghall-inqas wahda mic-cirkustanzi mnissla fl-Artikolu 77 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta giet sodisfatta, u jekk l-attrici irnexxielix jew le teghleb ukoll il-presunzjoni legali mahluqa bis-sahha ta' l-Artikolu 81 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti tirrileva li l-minuri K C twieled fl-1 ta' Mejju 2006 minn relazzjoni extra-konjugali li kellhom l-attrici u l-konvenut L P C. L-attrici fiz-zmien tat-twelid tat-tifel minuri kienet mizzewga lil N C. Fil-fatt hija zzewget lil N C fis-6 ta' Novembru 2004 u iddivorzjaw permezz ta' sentenza moghtija mill-Qorti Ingliza ta' South Sheilds fil-5 ta' Frar 2008[2].

Illi l-attrici illimitat ruhha hafna fil-provi f'din il-kawza u f'dak li jirrigwarda l-filjazzjoni tal-minuri, ipprezentat biss test genetiku tad-DNA[3] li gie mahluf bil-gurament, liema test jikkonferma li l-konvenut L P C huwa effettivament missier il-minuri K C.

Min-naha tieghu, l-konvenut l-iehor N C gie notifikat fl-Ingilterra fejn jghix, u r-Registratur tal-Qrati Civili u Tribunali ipprezenta dokument[4] li riceva minghand il-konvenut u stante nuqqas ta' xiehda min-naha ta' l-attrici, dan huwa l-uniku document li l-Qorti ghandha li jaghti xi forma ta' spjegazzjoni dwar kif graw l-affarijiet ta' bejn il-partijiet koncernati. Hu jibda billi jghid li ilu jghix l-Ingilterra hamsa u ghoxrin (25) sena u zzewweg lill-attrici ghax kienet tghidlu li thobbu u li tixtieq tghix mieghu fl-Ingilterra u wara xi zmien jghix maghha fl-appartament 24, Abela Street, Santa Venera, huwa kellu jitlaq l-Ingilterra u dan ghamlu sabiex jikkuntattja l-*Home Office* Ingliz biex jara x'ghandu bzonn biex jiehu mieghu lil martu l-Ingilterra. Hu kellu jibqa' l-Ingilterra biex f'kaz li l-*Home Office* jistaqsuh xi haga u jibghatu ghalih ikun hemmhekk u wara ftit l-attrici qaltlu li tippreferi tibqa' Malta ghaliex ma thobbx il-kesha, u l-konvenut N C kien jinzel Malta kull meta kien jista' biex jarha u wara xi zmien, harget tqila b'tarbija u din kienet sorpriza ghall-konvenut peress li meta kien mizzewweg ma' mara Ingliza din kienet geghlitu jaghmel operazzjoni biex ma jkollux aktar tfal. Huwa kien sorpriz ukoll kif irregistrat lit-tarbija fuq ismu u kif infurmatu li welldet din it-tarbija, il-

2 Ara fol 10 tal-process

3 Ezebit a fol 56 sa fol 59 tal-process

4 Ezebit a fol 51 tal-process

konvenut intavola rikors ghad-divorzju fl-Ingilterra ghaliex hassu iddizgustat li kien izzewweg lill-attrici. Hu jghid li ma jafx min hu missier it-tarbija minuri.

**Kunsiderazzjonijiet tal-Qorti**

Illi l-Qorti ser tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri ta' l-ewwel eccezzjoni pereliminari u dan peress li giet sorvolata permezz ta' verbal tal-Qorti Civili, Prim' Awla datat 29 ta' Mejju 2013.[5]

Illi l-Qorti ser tastjeni wkoll milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-tieni eccezzjoni u dan peress li l-izball fl-isem ta' l-attrici jidher li huwa zball purament tipografu, u dan it-tip ta' zball mhux qieghed johloq xi diffikulta' biex tigi identifiata bic-car l-identita' ta' l-attrici, anzi huwa car li l-attrici hija dik indikata, anke wara l-prezentata tal-karta ta' l-identita' taghha meta hadet gurament fuq l-imemmi rikors guramentat promutur taghha.

Illi l-Qorti ser tastjeni wkoll milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-tielet eccezzjoni u dan peress li ai termini ta' digriet ta' din il-Qorti datat 7 ta' Mejju 2015[6], il-Qorti laqghet it-talba ta' l-attrici li hi tigi mahtura bhala kuratrici ad litem tal-minuri K C.

Illi rigward ir-raba' eccezzjoni, l-attrici, in adempjiment ta' dak li tghid il-ligi fl-artikolu 77C tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta, ipprezentat rikors milqugh minn din il-Qorti fis-7 ta' Mejju 2015 u ghalhekk anke fir-rigward ta' din l-eccezzjoni il-Qorti ser tastjeni milli tkompli tiehu konjizzjoni ulterjuri taghha.

Illi dwar l-eccezzjonijiet tad-Direttur tar-Registru pubbliku, ghal dak li jghid l-Artikolu 77B u l-Artikolu 81 tal-Kap 16 tal-Ligjiet ta' Malta, l-Artikolu 77B jghid is-segwenti:

*"It-talba ġudizzjarja għad-dikjarazzjoni ta' paternità kif imsemmija fl-artikolu ta' qabel dan tista' wkoll tiġi eżerċitata mill-mara permezz ta' rikors ġuramentat quddiem il-qorti kompetenti kontra r-raġel tagħha, il-missier naturali u t-tifel tagħha imwieled fiż-żwieġ jekk kemm-il darba hija tipprova li fiż-żmien bejn it-tliet mitt ġurnata u l-mija u t-tmenin ġurnata qabel it-twelid tat-tifel hija kienet wettqet adulterju ma' dik il-persuna li qegħda tintalab li tiġi ddikjarata bħala l-missier naturali tat-tifel u barra minn hekk tipprova xi fatt ieħor li jista' wkoll ikunu testijiet u provi ġenetiċi u xjentifiċi li x'aktarx jindikaw lil dik il-persuna bħala l-missier naturali tat-tifel."*

---

5 A fol 25 tal-process

6 Ara fol 48 tal-process

Illi l-Artikolu 81 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta jghid is-segwenti:

*"(1) Ħadd ma jista' jitlob stat kuntrarju għal dak li jagħtuh l-att tat-twelid bħala iben imnissel jew imwieled matul iż-żwieġ u l-pussess ta' stat li jaqbel ma' dak l-att.*
*(2) Hekk ukoll, ħadd ma jista' jattakka l-istat ta' iben imnissel jew imwieled matul iż-żwieġ ta' tifel li jkollu l-pussess ta' stat li jaqbel mal-att tat-twelid tiegħu."*

Fid-dawl ta' dawn l-eccezzjonijiet il-Qorti bilfors trid tezamina l-fatti biex taghti gudizzju fuq is-sitt u s-seba' eccezzjoni tad-Direttur tar-Registru Pubbliku.

Illi ghal dak li jirrigwarda l-Artikolu 77B tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta, l-attrici irnexxiela tipprova sal-grad rikjest mill-Ligi li hi wettqet adulterju mal-konvenut L P C fiz-zmien bejn it-tliet mitt gurnata u l-mija u tmenin gurnata qabel it-twelid tat-tifel minuri, u dan gie ippruvat permezz tat-testijiet xjentifici ipprezentati f'dan il-process kif ukoll kif gie dikjarat fid-dikjarazzjoni tal-konvenut l-iehor N C. Dan jirrizulta car ukoll peress li l-konvenut N C kien jghix l-Ingilterra u martu l-attrici kienet tghix hawn Malta u l-istess konvenut qal ukoll li kien impossibbli li jkollu tfal ghax kien ghamel operazzjoni biex ma jkunx jista' jkollu aktar tfal.

Izda d-Direttur tar-Registru Pubbliku iccita l-Artikolu 81 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta, b'dan li qed jghid fi kliem iehor li l-attrici ma tistax jitlob stat kuntrarju ghal dak li ghandu K C fl-att tat-twelid u l-pussess ta' stat ta' minuri mwieled minn koppja mizzewga. Ghalhekk il-Qorti issa ser tezamina jekk l-attrici rnexxilhiex teghleb il-presunzjoni legali mahluqa bis-sahha ta' l-Artikolu 81 tal-Kap 16 tal-Ligjiet ta' Malta, u jekk ingabux provi sal-grad rikjest mill-Ligi li juru li l-pussess ta' l-istat tal-minuri K C ma jaqbilx ma' l-att tat-twelid tieghu.

Il-Qorti qeghda taghmel referenza ghall-Artikolu 67 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta li jghid hekk, *"L-iben imnissel matul iz-zwieg jitqies li hu bin zewg ommu".* Din il-prezunzjoni tingheleb biss jekk jigi ppruvat li t-tifel K twieled minn relazzjoni extra-konjugali.

Il-Qorti se taghmel referenza wkoll ghall-Artikolu 80 tal-Kap 16 tal-Ligjiet ta' Malta li jiddeskrivi ezatt xi jfisser stat legittimu, il-Ligi tghid is-segwenti:

*“(1) Il-pussess tal-istat ta’ iben leġittimu jiġi stabbilit minn ġabra ta’ fatti li, meħudin flimkien, jiswew biex juru r-rabta ta’ filjazzjoni u ta’ demm bejn it-tifel u l-familja li hu jgħid li hi l-familja tiegħu.*
*(2) L-ewlenin fost dawn il-fatti huma:*
*(a) illi t-tifel ikun ġieb dejjem il-kunjom tal-missier li tiegħu hu jgħid li huwa l-iben;*
*(b) illi l-missier ikun ittrattah bħala ibnu, u, f’dik ilkwalità, ħaseb għall-manteniment u edukazzjoni tiegħu, u sabiex jikkollokah;*
*(ċ) illi t-tifel ikun ġie dejjem magħruf bħala tali man-nies;*
*(d) illi huwa jkun ġie magħruf bħala tali mill-familja.”*

Huwa car daqs il-kristall li l-konvenut N C qatt ma kien meqjus bhala missier il-minuri K, wisq inqas ladarba l-istess N C dejjem ghex fl-Ingilterra filwaqt li l-minuri baqa’ ma’ ommu f’Malta. L-istess N C jghid li hassu iddizgustat li zzewweg lill-attrici u li meta sar jaf li twieled il-minuri K mill-ewwel ra kif ghamel u intavola kawza ghad-divorzju fl-Ingilterra.

B’hekk il-Qorti temmen li t-tifel minuri K C sa minn twelidu ma kellux l-istat legittimu ai termini ta’ l-Artikolu 80 tal-Kap 16 tal-Ligjiet ta’ Malta u dan ghar-ragunijiet hawn fuq spjegati, u ghalhekk il-presunzjoni legali ai termini ta’ l-Artikolu 81 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta’ Malta giet sodisfacjentement meghluba mill-attrici. Ghalhekk dawn l-eccezzjonijiet ma jistghux jigu akkolti.

Illi dwar it-tmien eccezzjoni tad-Direttur tar-registru pubbliku din giet sorvolata stante li il-Qorti giet moghtija d-dettalji kollha dwar il-konvenut L P C li ghandu karta ta’ identita’ numru 236502(L), li meta twieled il-minuri K C kellu l-eta ta’ 24 sena, li hu twieled Pieta`, il-post tar-residenza tieghu meta twieled il-minuri kien Tas-Sliema, li missieru jismu N u li missieru kien haj fiz-zmien meta twieled il-minuri.

**<u>Decide</u>**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti qeghda taqta’ u tiddeciedi din il-kawza billi:

1. Tilqa’ l-ewwel talba ta’ l-attrici u tiddikjara li l-minuri K C huwa l-wild naturali tal-konvenut L P C;

2. Tilqa’ t-tieni talba ta’ l-attrici u tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex fl-att tat-Twelid tal-minuri K C bin-numru t’iskrizzjoni 1448 tas-sena 2006, ihassar il-konnotati kollha tal-missier u cioe’ ta’ N C u minflok jissostitwihom bid-dettalji kollha ta’ L P C bil-karta ta’ l-identita’ numru 236502(L) iben N li kien haj fiz-zmien meta twieled il-minuri, imwieled Pieta` u li fiz-zmien tat-

twelid kellu 24 sena u kien residenti Tas-Sliema, meta twieled l-imsemmi minuri;

3. Tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri ta' l-ewwel, it-tieni, t-tielet, ir-raba u t-tmien eccezzjonijiet, tichad is-sitt, u s-seba' eccezzjonijiet u tilqa' l-hames, id-disa' u l-ghaxar eccezzjonijiet tal-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku u tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex fl-att tat-twelid tal-minuri K C bin-numru t-iskrizzjoni 1448 tas-sena 2006 jikkancella l-kelmiet "the said" li jinsabu qabel l-isem "A S B C" taht il-kolonna u fir-ringiela fejn hemm indikati taghrif dwar l-omm.

Bl-ispejjez ghandhom jithallsu mill-attrici u l-konvenut L P C fi kwoti ndaqs.